**9 ta' Mejju, 1958**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Dr. A.J. Mamo, O.B.E., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

Ignazio Anastasi et.

*versus*

Joseph Rossignaud ne.

**Sigurtà Nazzjonali — Soċjetà Anonima — Direttur — Azzjonisti — Impjegat — "Contract of Service" — Arbitru — Appell — Nullità — Art. 44 tal-Att VI tal-1956.**

*Skond il-liġi kummerċjali tagħna, ma hemmx dubju li s-soċjetajiet kummerċjali regolarment kostitwiti jikkostitwixxu personalità legali diversa mill-personalità individwawli tal-membri li jikkomponuha; u għalhekk, meta dawn is-soċjetajiet jimpjegaw xi persuni magħhom, ikunu huma stess, bħala aventi din il-personalità ġuridaka diversa, li jkunu l-prinċipal, u mhux il-membri li jikkomponuhom. Huwa mbagħad inkontrastabbilment korrett li wieħed jgħid illi anki d-diretturi tas-soċjetà anonima, għad li bħala tali mhumiex impjegati tas-soċjetà, jistgħu jagħmlu xogħol ieħor, jew jokkupaw pożizzjoni, li jilhom jitqiesu li għandhom kuntratt ta' servizz mas-soċjetà; u allura, f'dan il-każ, huma jaqgħu taħt il-Liġi dwar is-Sigurtà Nazzjonali, u huma jkunu impjegati assigurabbli taħt dak l-Att.*

*Għalhekk trid issir l-indaġini jekk ix-xogħol li kull wieħed mill-azzjonisti, jew diretturi, ikun qiegħed jagħti lis-soċjetà huwiex dak li normalment jinkombi lilhom f'dik il-kwalità, jew jinkludix xogħol li normalment ma jsirx minnhom. Jekk minn din l-indaġini jirriżulta xogħol li mhux normalment dak li jsir mill-azzjonisti jew diretturi tas-soċjetà, allura huma jkunu impjegati tas-soċjetà, assigurabbli taħt l-Att ġa msemmi.*

*Din, però, hija kwistjoni ta' fatt, u tiddependi mill-apprezzament tagħha li jagħmel l-arbitru maħtur taħt id-dispożizzjonijiet tal-istess Att.*

*Issa, appell mid-deċiżjonijiet ta' dak l-arbitru huwa permess lill-Qorti tal-Appell tal-Maestà Tagħha r-Reġina; imma unikament fuq punti ta' dritt.*

*Għaldaqstant, jekk l-appell isir mhux biex tiġi mpunjata d-deċiżjoni tal-arbitru dwar il-punt legali, imma dwar l-apprezzament tal-fatti kif minnu magħmula, dak l-appell huwa irritu u null. B'mod illi, jekk l-arbitru jkun enunċja l-prinċipju li d-direttur ta' soċjetà anonima jsir impjegat tas-soċjetà jekk huwa jagħmel għas-soċjetà xogħol li mhuwiex dak li normalment isir mid-direttur ta' soċjetà, u mbagħad japplika dik l-enunċjazzjoni għall-fatti kif minnu apprezzati, u jasal għall-konklużjoni li kien hemm dan ix-xogħol, u li għalhekk id-direttur tas-soċjetà huwa impjegat tagħha u jaqa' taħt l-Att dwar is-Sigurtà Nazzjonali, l-appell huwa null, għax tkun qegħedha tiġi kombattuta, mhux il-kwistjoni legali, imma l-kwistjoni jekk kienx hemm fil-fatt dan ix-xogħol.*

*L-espressjoni "kuntratt ta' servizz" — "contract of service" — timporta li jkun hemm relazzjoni ta' prinċipal u impjegat; imma jekk tkunx teżisti jew le ir-relazzjoni hija kwistjoni ta' fatt.*

Il-Qorti:— Rat id-deċiżjoni mogħtija fit-18 ta' Frar 1958 mill-Arbitru maħtur taħt *l-art. 42 tal-Att tal-1956* dwar is-Sigurtà Nazzjonali (Att nru. VI tal-1956), li biha ġie ritenut illi Ignazio Anastasi ma hux persuna mpjegata

għall-fini ta' dak l-Att, iżda li Carmelo u Francis aħwa Anastasi huma persuni mpjegati, u li l-impjeg tagħhom huwa mpjeg assigurabbli għall-fini tal-istess Att;

Dik id-deċiżjoni tgħid hekk:—

Fis-7 ta' Awissu 1957 id-Direttur iddeċieda l-kwistjoni jekk Ignazio Anastasi u t-tfal tiegħu, Carmelo u Francis aħwa Anastasi, humiex jew le persuni mpjegati għall-fini u għall-effetti tad-dispożizzjonijiet tal-Att fuq imsemmi f'sens affermattiv, billi rritjena li huma għandhom impjeg taħt kuntratt ta' servizz ma' "Messrs Ignazio Anastasi Limited";

Ir-rikorrenti issa qegħedin jappellaw minn dik id-deċiżjoni tad-Direttur;

Dwar il-fatti ma jidherx li hemm kontestazzjoni bejn il-partijiet; dawn jistgħu jiġu rijassunti hekk:—

(a) "Messrs Ignazio Anastasi, Limited" hija soċjetà anonima li ġiet kostitwita per mezz ta' kuntratt publikat minn Nutar Vincenzo Maria Pellegrini fid-9 ta' Novembru 1948 għall-perijodu ta' għaxar snin mill-ewwel ta' Diċembru 1948; dan il-kuntratt ġie publikat fil-Gazzetta tal-Gvern skond kif jirrikjedi l-Kodiċi Kummerċjali;

(b) Ir-rikorrenti huma l-uniċi azzjonisti tal-imsemmija soċjetà anonima, u t-tlieta huma wkoll id-diretturi tagħha; Ignazio huwa ċ-Chairman, Carmelo d-Direttur Generali, u Francis is-Segretarju;

(ċ) Ir-rikorrenti jirċievu r-rimunerazzjoni mis-soċjetà, u fil-fatt, mill-bidu tal-kostituzzjoni tagħha sa xi sentejn wara, Ignazio Anastasi kien jirċievi £80 fix-xahar, Carmelo Anastasi £65 fix-xahar, u Francis Anastasi £45 fix-xahar. Insegwitu din ir-rimunerazzjoni tbiddlet; u Ignazio Anastasi beda u għadu jieħu sal-lum £45 fix-xahar, Carmelo Anastasi £80 fix-xahar, u Francis Anastasi £65 fix-xahar;

(d) Ignazio Anastasi ma jidherx li għandu ebda xogħol ieħor fis-soċjetà ħlief dak ta' Direttur. Fil-fatt, kif diġà ssemma, huwa ċ-Chairman. Huwa jattendi fl-uffiċċju tas-soċjetà kull meta jkollu qalb, u naturalment jagħti lid-diretturi l-oħra l-pariri meħtieġa skond l-esperjenza kummerċjali tiegħu (ara xhieda ta' Ignazio Anastasi mogħtija fid-19 ta' Diċembru 1957, u dik ta' Carmelo Anastasi mogħtija fl-14 ta' Novembru 1957);

(e )Carmelo Anastasi, li huwa, kif intqal fuq, id-Direttur Ġenerali tas-soċjetà in kwistjoni. skond kif xehed huwa stess, iżomm il-korrispondenza, jiddiriġi x-xogħol li jirrigwarda l-aġenziji u r-rappreżentanza tagħhom. jieħu l-ordnijiet relattivi għal dawn l-aġenziji u rappreżentanzi, u jagħmel ix-xogħol kollu li jkkonċerni l-importazzjoni ta' merkanzija. Huwa għandu ċ-ċwievet tal-uffiċċju, fejn jattendi kulljum;

(f) Francis Anastasi. is-Segretarju tas-soċjetà fuq imsemmija, skond ix-xhieda tiegħu stess u ta' ħuh Carmelo Anastasi jiddiriġi u jikkontrolla li stores u l-bejgħ mill-ħanut: huwa jikkontrolla wkoll l-impjegati li jġibu l-merkanzija fli-stores. jew jirtiraw merkanzija minnhom: meta xi ħadd imur jixtri fil-ħanut bl-ingrossa, l-ordni jeħodha hu. Iċ-ċwievet tal-ħanut huma f'idejh; huwa jiftħu u jagħalqu. u għalhekk jattendi kulljum minn xit-8.30 jew id-9 ta' filgħodu sas-6 jew is-7 ta' fil-għaxija;

(g) Sija Carmelo Anastasi kemm Francis Anastasi għandhom nies impjegati taħthom: l-ewwel wieħed għandu skrivan. book-keeper u typist: it-tieni għandu żewġ impjegati li jagħmlu dak li jgħidilhom hu;

Ma hemmx dubju li, skond il-liġi kummerċjali tagħna, is-soċjetajiet kummerċjali regolarment kostitwiti, kif del resto hija "Messrs Ignazio Anastasi. Limited", jikkostitwixxu personalità legali diversa mill-personalità individwali tal-membri li jikkomponuhom, u għalhekk, meta dawn is-soċjetajiet jimpjegaw persuni, huma stess ċioè s-soċjetajiet. bħala aventi dik il-personalità legali distinta. u mhux il-membri li jikkompunuhom, huma prinċipali ("em-

ployers"). Del resto, għall-fini tal-Att tal-1956 dwar is-Sigurtà Nazzjonali, din il-kwistjoni ma għandhiex importanza, billi f'dan l-Att il-kelma "employer' tinkludi korp ta' persuni li jkunu soċjetà f'negozju, kumpannija, xirka jew soċjetà ta' persuni, sew jekk korporati sew mhux korporati, u sew jekk għandu personalità legali jew le (art. 2 (2) ta' dak l-Att);

Inoltre, ma jista' jkun hemm lanqas ebda dubju li fost l-impjegati ta' soċjetà kummerċjali jista' jkun hemm anki l-azzjonisti, jew il-persuni li jkunu ġew maħtura biex jamministrawhom, jiddiriġuhom u jirrappreżentawhom, ċjoè fi ftit kliem, id-diretturi;

Illi, għalhekk, il-vera kwistjoni li tifforma l-oġġett ta' dan l-appell hija jekk ix-xogħol li kull wieħed mir-rikorrenti qiegħed jagħti lis-soċjetà fuq imsemmija huwiex dak li normalment jinkombi lid-diretturi tas-soċjetà anonima bħala tali, jew jinkludix ukoll xogħol li normalment ma jsirx mid-diretturi;

Għalkemm huwa pjuttost diffiċli li tiddetermina bi preċiżjoni l-ambitu tax-xogħol tad-diretturi bħala tali, billi dan jista' jiġi nfluwenzat minn diversi ċirkustanzi li ma hemmx bżonn li jiġu hawnhekk diskussi, huwa rikonoxxut li l-funzjoni ta' direttur ta' soċjetà anonima bħala tali, kif l-istess isem jimplika, hija dik li flimkien mad-diretturi l-oħra, meta jkun hemm, jiddiriġi, jikkontrolla, jamministra, jirrappreżenta s-soċjetà, u jattwa l-volontà soċjali skond il-liġi, skond l-att kostituttiv, u skond id-deċiżjonijiet tal-laqgħat ġenerali. Ir-relazzjoni ġuridika bejnu u bejn is-soċjetà hija dik li tinterċedi bejn mandatarju u mandant, u, meta jkun il-każ, bejn rappreżentant u rappreżentat. Id-direttur, bħala tali huwa ko-operatur ġuridiku mas-soċjetà stess kunsidrata bħala persuna legali, u bħala tali, u f'dan is-sens, ma jidherx illi jinterċedi bejnu u bejn is-soċjetà kuntratt ta' servizz;

Meta, però, l-attività ta' direttur toħroġ mill-isfera ta' attivitajiet fuq brevement riferiti, fis-sens li huwa, oltre dawk l-attivitajiet, jagħmel u jagħti xogħol ieħor li nor-

malment ma jsirx minn direttur, imma minn impjegat tas-soċjetà, tkun kemm tkun għolja l-pożizzjoni ta' dan l-impjegat, allura bejn dak id-direttur u s-soċjetà titwieled relazzjoni ġuridika oħra, li tikkorrispondi għal dik li tintercedi u teżisti bejn prinċipal u mpjegat; u bħala konsegwenza, bejn l-istess direttur, impjegat, u s-soċjetà, prinċipal. jintercedi, kif jintercedi del resto bejn kull impjegat u l-prinċijal tiegħu, kuntratt ta' servizz. Hija ċertament kwistjoni ta' fatt meta jissuċċiedi dan; u sabiex dan il-fatt jiġi stabbilit, wieħed għandu jieħu in konsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi kollha;

Min eżami taċ-ċirkustanzi tal-każ preżenti hija opinjoni tiegħi illi, għal dak li jirrigwarda r-rikorrent Ignazio Anastasi, ma jistgħax jingħad li huwa qiegħed jagħmel ebda xogħol ieħor ħlief dak ta' direttur, u għalhekk inħoss li bejnu u bejn is-soċjetà in kwistjoni ma jeżistix kuntratt ta' servizz li jirrendi l-impjeg tiegħu assigurabbli. Il-fatt illi huwa qiegħed jirċievi rimunerazzjoni fix-xahar mhuwiex, fil-ħsieb tiegħi, element deċiżiv, billi wieħed jista' jirċievi rimunerazzjoni anki meta ma jeżistix kuntratt ta' servizz, kif jista' jkun hemm kuntratt ta' servizz anki mingħajr rimunerazzjoni;

Però, fil-ħsieb tiegħi, il-pożizzjoni tar-rikorrenti Carmelo u Francis, aħwa Anastasi, hija diversa minn dik ta' missierhom, l-isemmi Ignazio Anastasi. Minn dak li ntqal aktar il-fuq jiena nħossni konvint li parti mill-attività tar-rikorrenti Carmelo Anastasi, bħala dik li tirrigwarda l-ordnijiet minn barra u x-xogħol kollu konness magħhom, u b'mod ferm aktar markat parti mill-attività tar-rikorrenti Francis Anastasi, joħorġu mill-isfera tal-attività ta' direttur ta' soċjetà anonima "ut sic'. Del resto, l-istess rikorrenti Francis Anastasi, fix-xhieda tiegħu tad-19 ta' Diċembru 1957, jammetti li "kieku ma hemmx jien nagħmel ix-xogħol li semmejt, naturalment il-Kumpannija trid tqabbad lil xi ħadd biex jagħmlu; naturalment dan japplika wkoll għal ħija". Dan iwassal għall-konklużjoni li l-imsemmija rikorrenti Carmelo u Francis, aħwa Anastasi, oltre li huma diretturi tas-soċjetà inkwistjoni, huma wkoll, biex ngħid hekk, l-impjegati ewlenin tas-soċjetà

"Ignazio Anastasi, Limited" ; billi r-rikorrenti Carmelo Anastasi huwa l-ġerenti responsabbli għax-xogħol tal-uffiċċju, u r-rikorrenti Francis Anastasi huwa l-ġerenti responsabbli tal-ħanut u ta' li-stores. Huma ma humiex sempliċi mandatarji u rappreżentanti tas-soċjetà, imma anki lokaturi d'opera, u bħala tali l-impjeg tagħhom huwa assigurabbli skond id-dispożizzjonijiet tal-Att tal-1956 dwar is-Sigurtà Nazzjonali;

Rat ir-rikors tal-imsemmija Carmelo u Francis aħwa Anastasi, li bih appellaw minn dik id-deċiżjoni tal-arbitru, u talbu li tiġi riformata minn din il-Qorti, billi tiġi konfermata in kwantu rriteniet illi Ignazio Anastasi mhux persuna mpjegata għall-fini tal-Att fuq imsemmi, u revokata in kwantu rriteniet illi Carmelo u Francis, aħwa Anastasi, huma persuni mpjegati, u illi l-impjeg tagħhom huwa assigurabbli għall-fini tal-istess Att; billi jiġi minflok deċiż illi l-istess Carmelo u Francis, aħwa Anastasi, ma humiex persuni mpjegati, u għalhekk ma humiex assigurabbli;

Rat ir-risposta ta' Joseph Rossignaud nomine, li biha ssottometta, preliminarment, li d-deċiżjoni tal-arbitru f'dan il-każ mhix appellabbli lil din il-Qorti, peress illi l-appell mhux fuq punt ta' liġi; u li subordinatament, fil-meritu dik id-deċiżjoni hi ġusta; u talab illi l-appell jiġi dikjarat null, jew, subordinatament, jiġi miċħud; bl-ispejjeż;

Semgħet it-trattazzjoni fuq l-eċċezzjoni tal-inappellabilità, u dwarha kkunsidrat;

Skond l-art. 44 tal-Att tal-1956 dwar is-Sigurtà Nazzjonali, hemm appell lil din il-Qorti minn deċiżjoni tal-arbitru unikament fuq punt ta' dritt;

Issa, id-deċiżjoni tal-arbitru fil-każ preżenti tista' tinqasam f'erbgħa parti, kif ser jingħad:—

1. Fl-ewwel parti hu elenka l-fatti li dwarhom, kif qal espressament, ma kienx jidher li kien hemm kontestazzjoni bejn il-partijiet;

2. Mbgħad, l-arbitru qal illi, skond il-liġi tagħna, is-soċjetajiet kummerċjali regolarment kostitwiti, kif hija s-soċjetà "Ignazio Anastasi, Limited", jikkostitwixxu personalità legali diversa minn dik individwali tal-membri; żied, però, jgħid, illi din il-kwistjoni ma għandhiex importanza fil-każ preżenti;

3. Fit-tielet lok, l-arbitru qal illi ma jistgħax ikun hemm dubju illi fost l-impjegati ta' soċjetà kummerċjali jista' jkun hemm l-azzjonisti jew il-persuni li jkunu ġew maħtura biex jamministrawhom, jiddiriġuhom, u jirrappreżentawhom, ċjoè, fi ftit kliem, id-diretturi;

4. Fl-aħħarnett, l-arbitru qal illi l-vera kwistjoni kienet jekk ix-xogħol li kull wieħed mit-tliet persuni nvoluti fil-proċeduri, ċjoè Ignazio Anastasi u ż-żewġ uliedu Carmelo u Francis, qiegħed jagħti lis-soċjetà fuq imsemmija hux dak li normalment jinkombi lid-diretturi ta' soċjetà anonima bħala tali, jew jinkludix ukoll xogħol li normalment ma jsirx mid-diretturi; f'dan l-aħħar każ jista' jkun hemm bejn id-direttur u s-soċjetà relazzjoni ġuridika oħra ta' impjegat u prinċipal, ċjoè kuntratt ta' servizz. "Hija ċertament kwistjoni ta' fatt", issokta jgħid l-arbitru, "meta jissuċċiedi dan, u sabiex dan il-fatt jiġi stabbilit, wieħed għandu jieħu in konsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi kollha". L-arbitru, wara li għamel eżami taċ-ċirkustanzi tal-każ preżenti, wasal għall-konklużjoni tiegħu;

Meta ma' dan id-deċiżjoni tal-arbitru, hekk rijassunta, jiġi konfrontat ir-rikors tal-appell, u anki dak li ssottomettew l-appellanti fit-trattazzjoni orali, jidher assolutament ċar illi l-appell jirrigwarda biss u esklużivament irraba' parti ta' dik id-deċiżjoni. Infatti, dwar l-ewwel parti ma hemm ebda kwistjoni. It-tieni parti hija irrilevanti u, fi kwalunkwe każ, inkontroversa. Fit-tielet parti, huwa veru, l-arbitru enunċja prinċipju ta' liġi; imma dan ma hux qiegħed jiġi kwerelat; difatti lanqas jista' jiġi kwerelat għaliex, kif qal l-arbitru, dwaru ma jista' jkun hemm ebda dubju. Huwa inkonstrastabilment korrett li tgħid illi, għad li d-direttur ta' soċjetà anonima mhux, bħala tali, impjegat taħt kuntratt ta' servizz, jista' diret-

tur jagħmel xogħol ieħor għas-soċjetà jew jokkupa pożizzjoni li minħabba fihom jitqies li għandu kuntratt ta' servizz mas-soċjetà. Jekk dan hux il-każ jew le hija purament kwistjoni ta' fatt dipendenti miċ-ċirkustanzi. Issa, huwa appuntu mill-apprezzament tal-fatti li għamel l-arbitru u l-konklużjoni li ġibed minnhom li qegħedin jilmentaw l-appellanti;

L-aħjar prova illi l-arbitru ma għamelx ħaġ'oħra fil-każ preżenti ħlief applika postulati tal-liġi li dwarhom, kif ġa ntqal, ma hemmx kwistjoni, għall-fatti kif valutati minnu, huwa l-fatt illi, fuq l-eżami ta' dawk il-fatti, huwa wasal għal konklużjoni waħda dwar Ignazio Anastasi u konklużjoni oħra dwar iż-żewġ appellanti;

Issa, l-appellanti jippretendu illi dan l-apprezzament ta' fatti da parti tal-arbitru huwa żbaljat, għax jirritjenu illi bejnhom u bejn is-soċjetà "Ignazio Anastasi, Limited" ma hemmx kuntratt ta' servizz. Kif diġà ntqal, l-arbitru ma eżentax lil Ignazio Anastasi mill-applikazzjoni tal-liġi dwar is-Sigurtà Nazzjonali minħabba xi prinċipju illi direttur ta' soċjetà anonima ma jista' qatt ikun ukoll impjegat ta' dik is-soċjetà taħt kuntratt ta' servizz; anzi, bħala prinċipju ta' liġi, l-arbitru irritjena l-kuntrarju, u mhuwiex il-punt li l-appellanti qegħedin jimpunjaw. L-arbitru eżentah għaliex, bħala fatt, hu sab, kuntrarjament għal dak li sab għar-rigward taż-żewġ appellanti, li fil-konfront tiegħu ma kienetx teżisti r-relazzjoni ta' kuntratt ta' servizz oltre dak ta' direttur;

L-espressjoni "contract of service" użata fill-liġi tagħna in kwistjoni, kif, del resto, il-liġi kollha dwar is-Sigurtà Nazzjonali, hi ta' oriġini Ngliża. Kemm il-darba l-Qrati Ingliżi kellhom okkażjoni li jesprimu runħhom għar-rigward ta' dik l-espressjoni in konnessjoni appuntu ma' kwistjonijiet ta' appellabilità. Il-"contract of service" jimporta li jkun hemm relazzjoni ta' prinċipal u impjegat; imma dawk il-Qrati rritenew, kif jidher mid-deċiżjonijiet ċitati fil-Willis's "Workmen's Compensation", 34th edition, p. 162, illi "whether or not that relationship exists is a

question of fact", u illi "a finding one way or the other cannot be disturbed if there is evidence to support it";

Għalhekk, l-eċċezzjoni tal-inappellabilità, sollevata mill-appellat, għandha tiġi milqugħa;

In vista ta' dan, din il-Qorti tiddikjara l-appell magħmul minn Carmelo u Francis, aħwa Anastasi, irritu u null; bl-ispejjeż kontra l-appellanti.